**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 16 ta' Marzu 2022**

Numru 1

**Rikors Nru. 78/2018**

**Edmond Galea**

**vs**

**L-Onorevoli Ministru Ian Borg in rapprezentanza tal-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali gia l-Ministeru ghall-Kompetittivita u Komunikazzjoni;**
**Ic-Chairperson tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta gia l-Awtorita Marittima ta' Malta in rapprezentanza tal-istess Awtorita;**
**Il-President u t-Tezorier tal-Kumitat Ezekuttiv Malta Dockers Union in rapprezentanza tal-istess Malta Dockers Union;**
**Ic-Chairperson tal-Kumitat tal-Pensions & Contingency Fund in rapprezentanza tal-istess;**
**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-30 ta' Lulju 2018 li jghid hekk:

1. Dikjarazzjoni dwar l-oggett u l-fatti tal-kawza
1.1. Illi r-rikorrent huwa haddiern tax-Xatt licenzjat u rikonoxxut taht il-Port Workers Ordinance, Kap. 171 tal-Ligijiet ta' Malta, u ilu hekk licenzjat mill-ewwel (1) ta' Gunju, tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) (Dokument anness u mmarkata bhala Dok A);

1.2. Illi fit-tletin (30) ta' Gunju, tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-intimati Malta Dockers Union, il-Ministeru ghall-Kompetittivita u Komunikazzjoni u l-Malta Maritime Authority, iffirmaw ftehim li in forza tieghu gie introdott regim gdid fir-rigward ta' kif kellhom jibdew jigu effetwati hlasijiet lill-haddiema tax-Xatt mill-fondi rnizmuma appozitament fil-Pensions & Contingency Fund (Dokument anness u mmarkata bhala Dok B);

1.3. Illi l-Pensions & Contingency Fund kien gie stabilit sabiex jigu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-haddiema tax-Xatt billi jipprovdi beneficcji finanzjarji ghall-haddiema kollha tax-Xatt b'mod ugwali, inkluz lil eks-haddiema tax-Xatt u l-eredi tal-istess. Fil-fatt ghalkemm originarjament tali Fond kien intiz biex jipprovdi ghall-pensjonijiet tal-haddiema tax-Xatt, tul iz-zmien u bis-sahha ta' diversi emendi lill-Ordinanza originali, tali Fond beda jintuza ukoll biex inter alia l-haddiema tax-Xatt jippercepixxu hlasijiet relatati maz-zieda fl-gholi tal-hajja kif ukoll hlasijiet relatati ma' korrimenti u diversi hlasijiet ohra hekk kif debitament approvati;

1.4.Illi l-flejjes migbura f'tali Fond gew akkumulati tul iz-zmien mill-hidma tal-istess haddiema tax-Xatt li a favur taghhom jigi konservat u amministrat l-istess Fond. Fil-fatt il-haddiema tax-Xatt, inkluz l-esponent, dejjem ikkontribwixxew bil-hidma taghhom u/jew anki b'kontribuzzjonijiet finanzjarji diretti lil dan il-Fond bl-aspettativa legittima li kienu ser jircievu l-beneficcji kollha spettanti lilhom mill-istess, u dan b'mod ugwali u minghajr ebda forma ta' diskriminazzjoni;

1.5. Illi madanakollu bl-iffirmar tal-ftehim tat-30 ta' Gunju, 2007, kif sussegwentement mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Nru. 226 tal-2007, din l-aspettativa legittima giet imxejjna stante l-introduzzjoni ta' regim gdid li serva sabiex issir diskrimazzjoni ngusta bejn il-haddiema tax-Xatt fir-rigward tal-beneficcji spettanti lilhom mill-Pensions and Contingency Fund;

1.6. Illi dan qieghed jinghad billi bis-sahha tal-ftehim tat-30 ta' Gunju, 2007, kif sussegwentement mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Nru. 226 tal-2007, il-haddiema tax-Xatt li ma baqghux jircievu hlasijiet tal-cost of living allowance pagabbli sa dakinhar, inghataw hlas ta' pagament fl-ammont ta' €34,940.60, percepibbli mid-data tal-irtirar mix-xoghol bl-eta jew mid-data li l-haddiem ikun certifikat minn bord mediku li mhux tajjeb ghax-xoghol, pagament ex gratia, kif ukoll somma ohra fil-gimgha bhala cost of living allowance, liema somma kellha toghla kull sena skont kif jithabbar mill-Gvern;

1.7. Illi fl-istess nifs, pero, dawk il-haddiema tax-Xatt, bhal l-esponent, li ma bbenefikawx mill-hlasijiet introdotti mir-regim l-gdid deskritt supra, u li ghalhekk baqghu jippercepixxu hlasijiet bis-sistema vigenti qabel l-ftehim tat-30 ta' Gunju, 2007, kif sussegwentement mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Nru. 226 tal-2007, gew prekluzi milli jippercepixxu l-pagament fl-ammont ta' €34,940.60, percepibbli mid-data tal-irtirar mix-xoghol bl-eta jew mid-data li l-haddiem ikun certifikat minn bord mediku li mhux tajjeb ghax-xoghol;

1.8. Illi dan sehh nonostante li r-rikorrent, bhal haddiema tax-Xatt l-ohra, dejjem ikkontribwixxa bil-hidma tieghu u/jew b'kontribuzzjonijiet diretti ghall-Pensions & Contingency Fund tul il-hajja lavorattiva kollha tieghu bhala haddiem tax-Xatt

debitament registrar u licenzjat. Fil-fatt l-esponent ghadu qieghed jikkontribwixxi sal-gurnata tal-lum;

1.9. Illi r-rikorrent ressaq l-ilment tieghu mal-Awtoritajiet koncernati inkluz l-intimati, izda l-istess intimati baqghu ma pprovdew ebda rimedju ghajr li jeccepixxu li r-rikorrent mhux ser ikun intitolat ghal tali hlas u qeghdin ghalhekk sa minn issa jirrifjutaw li jhallsu l-pagament de quo agitur lill-esponent ladarba huwa jirtira bl-eta jew jigi certifikat minn bord mediku li mhux tajjeb ghax-xoghol, b'dan li tali rifjut huwa leziv ghad-drittijiet tar-rikorrent billi bl-operat tat-30 ta' Gunju, 2007, kif sussegwentement mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Nru. 226 tal-2007, huwa qieghed jigi mcahhad minn possedimenti dovuti lilu;

2. Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri
2.1. Illi ghaldaqstant bil-ftehim tat-30 ta' Gunju, 2007, kif sussegwentement mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Nru. 226 tal-2007, ir-rikorrent gie u/jew sejjer jigi ngustament mcahhad minn hlas li ghandu aspettattiva legittima li jircievi wara diversi snin jikkontribwixxi fil-Fond, dejjem bil-premessa u l-weghda li sejjer jithallas il-beneficcji kollha spettanti lill-haddiema tax-Xatt kollha minn l-imsemmi Fond, inkluz allura l-pagament ta' €34,940.60 deskritt aktar il-fuq;

2.2. Illi fil-fatt tali somma tithallas sahansitra lil-Prospective Port Workers, ossia haddiema tax-Xatt li ghadhom ma kkontribwew xejn fil-Pensions & Contingency Fund, jekk fil-futur jiehdu l-licenzja; kif ukoll lill-New Licensed Port Workers li kkontribwew ferm anqas mir-rikorrent fl-istess Fond; kif ukoll lil Licensed Port Workers li ghal kwalsiasi raguni jkunu nieqsa mix-xoghol minhabba long leave, long sick leave, injury u anke min iservi sentenza ta' habs fit-tul u ghalhekk ma jkunx qed jikkontribwixxi fil-Pensions & Contingency Fund; b'dan jamplifika mhux ftit l-operat diskriminatorju tal-Fond wara l-ftehim tat-30 ta' Gunju, 2007, kif sussegwentement mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Nru. 226 tal-2007;

2.3. Illi r-rikorrent umilment jissottometti li l-pagament lump sum pretiz minnu jaqa' taht id-definizzjoni ta' 'beni' jew 'possedimenti' ai fini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.4. Illi l-interpretazzjoni li taghti l-Qorti Ewropea ta' x'jikkonsistu 'beni' jew 'possedimenti' hija wiesa' u din tinkludi 'either an "existing possession" or a claim, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right' (Djidrovski v the Former Yugoslav Republic of Macedonia, Ref. 46447/99, (2005) ECHR);

2.5. IIli ghalhekk ir-rikorrent iqis li n-nuqqas ta' hlas tal-pagament dovut lilu u fir-rigward ta' liema huwa ghandu a legitimate expectation li jircievi huwa leziv ghad-dritt fundamentali tieghu kif sancit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.6. Illi ulterjorment ir-rikorrent ihoss ukoll li qeghda ssir diskriminazzjoni ngusta u illegali fil-konfront tieghu, u dan a tenur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.7. Illi dan qieghed jinghad stante li r-rikorrent gie mpoggi fi zvantagg fil-konfront tal-haddiema tax-Xatt kollha l-ohra billi qieghed jigi eskluz minn possedimenti li ghalihom ikkontribwixxa personalment tul il-hajja lavorattiva tieghu, li ghadu qieghed jikkontribwixxi ghalihom u li ghandu l-aspettativa legittima li jircievi, u dan minghajr ma hemm raguni ogettiva u ragjonevoli sabiex tiggustifika tali differenza fit-trattament;

2.8. Illi ghaldaqstant, u hekk kif ser jigi ndubbjament ippruvat fil-mori tal-proceduri, ghandu jirrizulta bhala manifest li r-rikorrent sofra u/jew sejjer isofri lezjoni ghad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, meta bl-operazzjoni tal-ftehim tat-30 ta' Gunju, 2007, kif sussegwentement mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Nru. 226 tal-2007, huwa gie u/jew sejjer jigi deprivat mis-somma ta' €34,940.60, legittimament pretiza minnu;

2.9.Illi r-rikorrent jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment;

3. Talbiet

Jghidu ghalhekk l-intimati, jew min minnhom, ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra talvolta necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi kif ukoll ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw wagt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri:

i. Tiddikjara illi in forza tal-ftehim tat-30 ta' Gunju, 2007, kif sussegwentement mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Nru. 226 tal-2007, u ghar-ragunijiet fuq premessi, gew u/jew sejrin jigu ppregudikati u lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanciti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Tiddikjara illi in forza tal-ftehim tat-30 ta' Gunju, 2007, kif sussegwentement mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Nru. 226 tal-2007, u ghar-ragunijiet fuq premessi, gew u/jew sejrin jigu ppregudikati u lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanciti mill-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif misjub fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Tiddikjara li r-rikorrent ghandu jircievi u jinghata l-hlas spettanti lilu, u li huwa dovut mill-Pensions and Contingency Fund, liema hlas jammonta ghas-somma ta' €34,940.60, fl-intier tieghu;

iv. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' €34,940.60, u dan fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabilit minn din l-Onorabbli Qorti wara

li l-istess rikorrent jirtira mix-xoghol bl-eta jew mid-data li jigi certifikat minn bord mediku li mhux tajjeb ghax-xoghol;

v. Taghti dawk ir-rimedji kollha mehtiega u opportuni fil-konfront tar-rikorrent, inkluz il-likwidazzjoni tad-danni u l-ordni tal-hlas, sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tieghu;

Bl-ispejjez u l-interessi legali, inkluz tal-protest gudizzjarju ntavolat fid-19 ta' Jannar 2012, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Malta Dockers Union li tghid hekk:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli twettaq is-setghat kostituzzjonali taghha billi r-rikorrent kellu rimedju ordinarju disponibbli ghalih, konsistenti f'azzjoni ta' natura civili ghall-pretensjonijiet (infondati ghall-ahhar) li qieghed jivvanta f'din il-kawza.

2. Illi l-Malta Dockers Union ikkonkludiet il-ftehim mertu ta' din il-kawza bhala mandatarja tar-rikorrent, kif debitament awtorizzata li taghmel. Ir-rikorrent ghalhekk ma jistax jikkontesta ftehim konkluz u maqbul minnu stess, fejn wara li dan gie ffirmat, sahansitra ppercepixxa u rcieva l-beneficcji derivanti minnu ghal hdax-il sena shah, u ghadu hekk qed jaghmel sal-gurnata tal-lum.

3. Illi l-haddiema licenzjati tax-Xatt kollha, inkluz ir-rikorrent, kienu nghataw l-ghazla, ezercitabbli minnhom, li jew jibqghu jigu regolati bir-regim l-antik u cioe, hekk kif indikat ft-artiklu 6.2(e) tal-ftehim, ikollhom l-ghazla li jibqgliu jircievu perjodikament iz-zieda hekk imsejjha "tal-gholi tal-hajja" kif ukoll somma ta' Lm 360 (illum €838.58) fis-sena rapprezentanti l-ammont ta' 2%, jew jigu regolati bir-regim il-gdid u ghalhekk minflok jircievu f'daqqa l-hlas tas-somma reklamata mir-rikorrent f'din il-kawza. Din kienet ghazla libera u hielsa li nghatat lil kull wiehed mill-haddiema licenzjati tax-xatt, naturalment inkluz ir-rikorrent, bla ebda distinzjoni.

4. Jirrizulta li mill-haddiema licenzjati kollha tax-xatt, li jqarrbu l-erba' mija (400), kien biss ir-rikorrent Edmond Galea li ghar-ragunijiet u ghazliet personali u strategici tieghu relatati ma' kawza ta' separazzjoni li kien ghaddej minnha, ghazel li jibqa' jigi regolat bir-regim l-antik. Indikattiv il-fatt li din il-kawza nfethet xejn anqas minn hdax-il sena wara l-ftehim konkluz fl-2007, u tul dawn il-hdax-il sena, ir-rikorrent baqa' jircievi u jaccetta l-pagamenti kollha li saru favurih bis-sistema l-antika.

5. Illi l-eccipjenti hi biss il-Union li tirrapprezenta lill-haddiema licenzjati tax-Xatt, u ghaldaqstant ma thallas ebda pagamenti lill-haddiema licenzjati tax-Xatt u ma tistax tigi kundannata thallas xi somma pretiza mir-rikorrent.

6. Illi r-rikorrent inghata bl-istess mod ugwali u identiku bhal kull wiehed minn shabu haddiema licenzjati tax-Xatt fid-data tal-ftehim, id-dritt ta' ghazla libera u hielsa dwar liema regim xtaq li jibda' japplika ghalih. Hu car li r-rikorrent mhux diskriminat gie, jew ittehidlu xi possediment jew aspettattiva, izda jrid li jkollu trattament preferenzjali fuq shabu billi jippercepixxi l-beneficcji applikabbli ghar-regim l-antik u maghhom jiehu wkoll il-beneficcji applikabbli biss ghar-regim il-gdid. Din hi ghalhekk pretensjoni altament abusiva.

7. Illi hu daqstant iehor evidenti li r-rikorrent qed jaghmel kalkolu fejn irid iregga' l-arlogg lura. Pjuttost car li r-regim "il-gdid" kien aktar attrajenti ghall-haddiema licenzjati tax-Xatt tant li kollha ghajr ir-rikorrent ghazlu r-regim il-gdid fuq l-antik, u effettivament dan kien dmir il-Union esponenti li tinnegozja l-aqwa ftehim ghall-haddiema licenzjati tax-Xatt. Tant innegozjat tajjeb li sahansitra rnexxielha tottjeni minghand il-Gvern ta' dakinhar id-dritt tal-ghazla ezercitabbli mill-membri taghha, ossia l-haddiema licenzjati tax-Xatt. Ir-rikorrent, biex ma jagevolax lil martu fil-proceduri ta' separazzjoni personali, kien hu biss li ghazel li jibqa' jigi regolat bir-regim l-antik. Ma jistax issa jippretendi li jiehu l-beneficcji taz-zewg regimi, lanqas li jibdel l-ghazla tar-regim maghzul minnu stess lura fl-2007.

Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda billi ma hemm ebda lezjoni tal-artikoli citati mir-rikorrent fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontrih, filwaqt li r-rikors ghandu jigi wkoll meqjus minn din l-Onorabbli Qorti bhala li hu wiehed semplicement frivolu.

Rat ir-risposta tal-Pensions & Contingency Fund li tghid hekk:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli twettaq is-setghat kostituzzjonali taghha billi r-rikorrent kellu rimedju ordinarju disponibbli ghalih, konsistenti f'azzjoni ta' natura civili ghall-pretensjonijiet infondati li qieghed jivvanta f'din il-kawza.

2. Illi r-rikorrent ma jistax jikkontesta ftehim konkluz u maqbul minnu stess, fejn wara li dan gie ffirmat, sahansitra ppercepixxa u rcieva l-beneficcji derivanti minnu ghal hdax-il sena shah, u ghadu hekk qed jaghmel sal-gurnata tal-lum.

3. Illi l-haddiema licenzjati tax-Xatt kollha, inkluz ir-rikorrent, kienu nghataw l-ghazla, ezercitabbli minnhom, li jew jibqghu jigu regolati bir-regim l-antik u cioe, hekk kif indikat fl-artiklu 6.2(e) tal-ftehim, ikollhom l-ghazla li jibqghu jircievu perjodikament iz-zieda hekk imsejjha "tal-gholi tal-hajja", kif ukoll somma ta' Lm360 (illum € 838.58) fis-sena rapprezentanti l-ammont ta' 2%, jew jigu regolati bir-regim il-gdid u ghalhekk minflok jircievu f'daqqa l-hlas tas-somma reklamata mir-rikorrent f'din il-kawza. Din kienet ghazla libera u hielsa li nghatat lil kull wiehed mill-haddiema licenzjati tax-xatt, inkluz lir-rikorrent, bla ebda distinzjoni.

4. Jirrizulta li mill-haddiema licenzjati kollha tax-xatt, li jqarrbu l-erba' mija (400), kien biss ir-rikorrent Edmond Galea li ghar-ragunijiet u ghazliet personali u strategici tieghu relatati ma' kawza ta' separazzjoni li kien ghaddej minnha, ghazel li jibqa' jigi regolat bir-regim l-antik. Indikattiv il-fatt li din il-kawza nfethet xejn anqas minn hdax il-sena wara l-ftehim konkluz fl-2007, u tul dawn il-hdax-il sena, ir-rikorrent baqa' jircievi u jaccetta l-pagamenti kollha li saru favurih bis-sistema l-antika.

5. Illi r-rikorrent inghata bl-istess mod ugwali u identiku bhal kull wiehed minn shabu haddiema licenzjati tax-Xatt fid-data tal-ftehim, id-dritt ta' ghazla libera u hielsa dwar liema regim xtaq li jibda japplika ghalih. Hu car li r-rikorrent mhux diskriminat gie, jew ittehidlu xi possediment jew aspettattiva, izda jrid li jkollu trattament preferenzjali fuq shabu billi jippercepixxi l-beneficcji applikabbli ghar-regim l-antik u maghhom jiehu wkoll il-beneficcji applikabbli biss ghar-regim il-gdid. Din hi ghalhekk pretensjoni altament abusiva.

6. Illi hu daqstant iehor evidenti li r-rikorrent qed jaghmel kalkolu fejn irid iregga' l-arlogg lura. Pjuttost car li r-regim "il-gdid" kien aktar attrajenti ghall-haddiema licenzjati tax-xatt tant li kollha ghajr ir-rikorrent ghazlu r-regim il-gdid fuq l-antik. Ir-rikorrent, biex ma jagevolax lil martu fil-proceduri ta' separazzjoni personali, kien hu biss li ghazel li jibqa' jigi regolat bir-regim l-antik. Ma jistax issa jippretendi li jiehu l-beneficcji taz-zewg regimi, lanqas li jibdel l-ghazla tar-regim maghzul minnu stess lura fl-2007.

7. Illi l-"Pension and Contingency Fund" mhuwiex maghmul minn kontribuzzjonijiet tal-haddiema licenzjati tax-xatt imma minn imposta fuq merkanzija u flejjes ohra li huma mposti fuq l-importaturi tal-merkanzija. Il-Fond, li hu mwaqqaf u regolat b'ligi, lanqas ma huwa xi proprjeta jew possediment tal-haddiema licenzjati tax-xatt.

Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda billi ma hemm ebda lezjoni tal-aritkoli citati mir-rikorrent fir-rikors promotur, bl-ispejjez kontrih, filwaqt li r-rikors ghandu jigi wkoll meqjus minn din l-Onorabbli Qorti bhala li hu wiehed semplicement frivolu.

Rat ir-risposta tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta gia l-Awtorita Marittima ta' Malta li tghid hekk:

1. Dawn il-proceduri huma marbuta ma' ftehim tat-tletin (30) ta' Gunju, 2007 illi kien intlahaq u gie ffirmat fil-kuntest tar-riforma tal-portijiet bejn il-Malta Dockers Union (bhala l-unjin li tirraprezenta l-haddiema tax-Xatt), il-Ministeru ghall-Kompetittivita u Komunikazzjoni u l-Awtorita Marittima ta' Malta. Il-ftehim introduca regim gdid li jirregola hlasijiet li kellhom isiru lil haddiema tax-Xatt minn fondi mizumuma fl-hekk imsejjah Pension and Contingency Fund, u gie sussegwentement gie rifless f'avviz legali appozitu (A.L. 226 tal-2007).

2. Illi b'rikors Kostituzzjonali ipprezentat fl-1 ta' Awwissu, 2018, ir-rikorrenti qieghed jallega illi l-imsemmi ftehim u l-avviz legali li dahhlu fis-sehh jikser id-drittijiet fundamentali tieghu ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (il-Konvenzjoni), senjatament:
-id-dritt ta' harsien minn tehid proprjeta (Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta) u d-dritt ghal tgawdija pacifika tal-possedimenti (Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni)
-id-dritt ghal harsien minn diskriminazzjoni (Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni).

3. Ir-rikorrenti qieghed ghalhekk jitlob li l-Qorti taghtih rimedji mehtiega u opportuni, partikolarment il-hlas ta' somma ta' €34,940.60 li r-rikorrent isostni illi hija dovuta lilu u li huwa qed jigi mcahhad minnha b'applikazzjoni tal-ftehim imsemmi.

Sfond fattwali
4. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti Edmond Galea isibu l-gheruq taghhom fil-kuntest aktar wiesa tar-riforma tal-portijiet u jkun opportun li qabel xejn jigi spjegat x'kien li wassal ghall-ftehim u l-Avviz Legli li r-rikorrenti qed jilmenta minnhom. Il-fatti tal-kaz

jistghu, fil-qosor, jingabru kif gej. Naturalment, l-Awtorita esponenti tirriserva kull dritt illi tressaq provi in sostenn ta' dak li sejra tistqarr.

5. Fis-snin sebghin, kien inholoq fond li jissejjah il-Fond tal-Pensjoni u tal-Kontingenzi jew, kif inhu maghruf ahjar, Pensions and Contingency Fund. Dan il-fond huwa regolat b'ligi (senjatament l-Ordninanza dwar il-Haddiema tal-Port – Kap. 171 - u l-legislazzjoni sussidjarja relattiva, jigifieri ir-Regolamenti dwar l-Eta li fiha jirtiraw il-Haddiema tal-Port u r-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port). Ghal dan il-Fond jaghtu sehemhom importaturi lokali tal-merkanzija billi jhallsu tariffa lil min ihaddem il-haddiema tal-port (nghidu ahna t-terminal operator) li mbaghad huwa jghaddi lill-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta sabiex din tqieghdu gol-fond. Skont il-ligi, il-Fond huwa mmexxi minn kumitat nominat mill-Ministru li jinkludi fih rapprezentanti tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, rapprezentanti tal-haddiema tal-port, Chairperson u segretarju bla vot.

6. Mill-Fond jithallsu pensjonijiet jew gratuities jew beneficcji ohra lill-Haddiema tal-Port u lil persuni li jkunu servew ta' haddiema tal-port, kif ukoll hlasijiet ohra li jistghu jigu awtorizzati mill-Ministru minn zmien ghal zmien.

7. Fost l-ohrajn, haddiema licenzjati tal-port kienu jithallsu mill-Fond cost of living allowance (COLA) skond iz-zieda ghall-gholi tal-hajja stabbilita mill-Gvern. Is-sistema kienet tali li kull haddiem tal-port gdid kien jithallas rata ta' COLA ikkalkulata retroattivament mis-sena 1973 (meta nholoq il-Fond). Ma ghandniex xi nghidu, dan kien ifisser illi aktar ma jgerrbu s-snin, il-piz fuq il-Fond kien dejjem qed jizdied tant li l-hlasijiet tal-COLA ghal kull sena kienu jlahhqu z-zewg miljun lira (Lm2,000,000, illum ekwivalenti ghal cirka €4,650,000). B'dik ir-rata, l-indikazzjonijiet kienu illi l-Fond ma kienx ser jibqa' sostenibbli.

8. Fis-snin 2000 kienet giet imnedija riforma tal-portijiet. Dan kien progett illi nfirex fuq medda ta' snin, involva diversi players fl-industrija marittima u wassal ghal sensiela ta' zviluppi kemm f'policies kif ukoll f'ligijiet u regolamenti relatati. Ir-riforma kienet mahsuba sabiex ix-xoghol tal-port isir iktar efficjenti, il-prezzijiet tas-servizzi tal-port isiru aktar kompetittivi u jitnehhew certi prattici ta' zmien zemzem li ma baqghux jaghmlu sens fid-dinja kompetittiva tal-lum u fil-kuntest gdid tar-regolamenti Ewropej. Gie deciz illi anke l-Pensions and Contingency Fund tigi indirizzata fl-isfond ta' din ir-riforma. In-negozjati dwar dan il-fond kienu jinvolvu fuq naha l-Gvern, li kien holoq tim li jinkludi c-Chairrnan tal-Awtorita Marittima ta' Malta u, fuq in-naha l-ohra l-Malta Dockers Union (minn issa 'l quddiem l-"MDU").

9. Ghal diversi snin il-haddiema tax-Xatt kienu rapprezentati mill-General Workers Union. Gara pero li sehh xi dizgwid b'dan li giet iffurmata union gdida li laqghet fiha l-bicca l-kbira tal-haddiema tax-Xatt - mal-erba' mija - u bdiet tirraprezenta l-interessi taghhom. Kien b'hekk illi l-MDU involviet ruhha fin-negozjati.

10. F'dan l-istadju ta' min jghid illi r-rikorrent Edmond Galea mhuwiex l-ewwel haddiem tax-Xatt li ttenta jattakka l-ftehim u l-avviz legali. Hekk insibu illi grupp ta' haddiema tax-Xatt kien ressqu kawza civili fl-ismijiet Mario Bondin et v Onorevoli Prim Ministru (Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Frar, 2016 u mhux appellata) li biha talbu illi l-ftehim mertu ta' din il-kawza jigi dikjarat null. Il-kawza kienet inqatghet kontra r-rikorrenti u ma gietx appellata. Qed issir referenza ghaliha

f'dan l-istadju, ghaliex l-aspetti fattwali li se ssemmi l-Awtorita f'din ir-risposta taghha jinsabu kkonfermati minn xhieda dettaljata fl-atti tal-kawza msemmija, specjalment min-naha ta' Joe Saliba, eks-President tal-MDU illi b'xorti hazina, minn dak iz-zmien, gie nieqes. X'jirrizulta minn qari ta' dik ix-xhieda?

11. Jidher illi l-pozizzjoni li telaq minnha l-Gvern tal-gurnata kienet illi l-Fond kellu jigi xolt. L-MDU, bhala l-Union ta' maggoranza fost il-port workers li kienet tirraprezenta l-interessi tal-haddiema tal-port, mexxiet negozjati industrijali mal-Gvern bl-ghan illi jintlahaq kompromess u l-Fond ma jigix xolt b'detriment ghall-haddiema tax-Xatt.

12. Il-kompromess illi ntlahaq huwa rifless fil-ftehim mertu tal-kawza prezenti.

13. Fi ftit kliem, taht dan il-ftehim, il-persuni li f'dik id-data kellhom licenzja ta' haddiem tax-Xatt, kellhom jirrinunzjaw ghal kwalunkwe dritt ghall-COLA ghall-perijodu rimanenti sal-eta tal-irtirar taghhom. Bhala kumpens ghas-saldu ta' dan, huma kellhom jircievu:

• Hlas bil-quddiem, cioe bhala lump sum, tal-COLA li kull haddiem kien imissu skont kemm fadallu snin ta' xoghol. Dan il-pagament kellu jissostitwixxi is-sistema ta' COLA applikabbli sa dak iz-zmien, li kienet tintitola lil kull haddiem tax-xatt li jircievi pagament ekwilvanti ghal tnejn fil-mija (2%) tal-valur tax-xoghol li jkun wettaq matul kull sena partikolari;

• Hlas ta' hmistax-il elf lira Malta (illum ekwivalenti ghal €34,940.69) fid-data tal-irtirar jew medical boarding out;

• Mill-15 ta' Lulju, 2007 kull haddiem kellu jibda jircievi Lm1.75 fil-gimgha bhala zieda tal-gholi tal-hajja u minn Jannar 2008 'il quddiem, l-ammont taz-zieda tal-gholi tal-hajja skont ir-rata stabbilita mill-Gvern.

14. Il-haddiema tax-Xatt gew moghtija wkoll l-ghazla li jibqghu jigi regolati mir-regim l-antik u cioe, hekk kif indikat fl-artiklu 6.2(e), ikollhom l-opzjoni li jibqghu jircievu iz-zieda tal-gholi tal-hajja kif ukoll somma ta' Lm360 (illum €838.58) fis-sena rapprezentanti l-ammont ta' 2%. Din l-ghazla giet spjegata b'mod car lill-haddiema tax-Xatt qabel l-iffirmar tal-ftehim.

15. Jirrizulta li minn madwar erba' mitt haddiem tax-Xatt, kien ir-rikorrenti Edmond Galea biss li ghazel li ma jiehux lump sum payment u dan, jidher, purament ghal ragunijiet personali marbuta ma' proceduri ta' separazzjoni li kien ghaddej minnhom dak iz-zmien.

16. Konsegwenza tad-dhul fis-sehh tal-ftehim il-gdid, il-haddiema tax-Xatt li dahlu wara d-data tal-ftehim (u li, allura, ma kienux parti mill-ftehim), ma kellhomx jinghataw drittijiet retroattivi lura mill-1973, izda kellu japplika favur taghhorn l-jedd ghaz-zieda tal-gholi tal-hajja bl-istess mod kif jiehdu kwalunkwe haddiem iehor fil-pajjiz.

17. Dawn l-irjus tal-ftehim gew riflessi f'legislazzjoni sussidjarja (l-Avviz Legali 226 tal-2007 li jemenda r-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port).

18. Hawn ghandu jinghad illi r-rikorrenti qatt ma ha ebda pass sabiex jattakka l-validita tal-ftehim mertu tal-kawza u/jew tal-Avviz legali relatat. F'dawn is-snin kollha,

huwa Ilimita ruhu ghal protest gudizzjarju intavolat fid-19 ta' Jannar 2012 li bih huwa sostna b'mod vag illi filwaqt illi l-ftehim kjarament jaghti zewg ghazliet lill-haddiema tax-Xatt, ma kienx car jekk bl-ghazla tieghu kienx intitolat jew le ghall-hlas ta' pagament lump sum ta' €34,940.60 meta jirtira. Ghal dan il-protest, irrispondiet l-MDU illi skjettament stqarret illi ai termini tal-ftehim huwa ma kienx intitolat ghall-hlas li kien qed jippretendi.

19. Minn dakinhar lil hawn, ir-rikorrent ma ha ebda pass iehor qabel, aktar minn sitt (6) snin shah wara, ghazel li jipprocedi quddiem din il-Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha.

Eccezzjonijiet

20. Moghti l-isfond fattwali, l-Awtorita intimata sejra issa tressaq id-difizi taghha ghat-talbiet tar-rikorrenti.

I. Preliminarjament: l-Awtorita ghandha personalita guridika distinta

21. Qabel xejn l-esponenti jiccara illi ai termini tal-Artikolu 12(1) tal-Kap. 499 l-Awtorita esponenti hija "enti morali b'personalita guridika distinta", Ghalhekk ghal kull buon fini jinghad illi l-legittima kontradittrici f'dawn il-proceduri hija semmai l-Awtorita nfisha u mhux ic-Chairperson taghha u r-risposta qieghda ghalhekk titressaq mill-istess Awtorita.

II. Preliminarjament: ir-rikorrenti kellu rimedji ordinarji

22. Preliminarjament ukoll, l-Awtorita esponenti tistieden lill-Qorti sabiex tiddeklina milli twettaq is-setghat kostituzzjonali taghha skond ma jitlob l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-ligijiet ta' Malta.

23. L-Awtorita tifhem u tapprezza illi kulma jmur il-Qrati nostrani qeghdin jevitaw illi jiddeklinaw li jikkunsidraw ilmenti meta mressqa b'rikors Kostituzzjonali. Huwa madanakollu sottomess illi dan huwa kaz klassiku fejn ir-rikorrenti kellu rimedju ordinarju izda, b'kapricc ghazel li jghaddi mill-ewwel ghal rimedju kostituzzjonali.

24. Kemm hu hekk, il-premessi tar-rikorrenti jidher li huma fis-sens li qed ifittex interpretazzjoni (kif tidher lilu) tal-ftehim mertu tal-kawza, Ladarba dan huwa l-ilment tieghu, huwa seta' facilment ifittex rimedju civili jew amministrattiv ghall-jeddijiet li qieghed ivanta bhalma, del resto, ghamlu Mario Bondin u shabu fll-kawza fuq citata. Minflok, ir-rikorrenti l-ewwel stenna ghal aktar minn hdax-il sena mid-dhul fis-sehh tal-ftehim, u mbaghad intavola proceduri Kostituzzjonali.

III. Preliminarjament ukoll, l-Awtorita espanenti mhijiex il-legittimu kantradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u, f'kull kaz, ma ghandhiex tehel spejjez gudizzjarji

25. Illi r-rwol tal-esponenti huwa purament ta' amministratrici fis-sens li hija tigbor, f'isem il-haddiema tal-port, il-pagamenti dovuti mill-agenti tal-bastimenti lill-istess haddiema, u minnhom tiddepozita certi somom fil-Fond.

26. Il-pagamenti mill-Fond isiru wkoll mill-Awtorita pero d-decizjoni dwar x'pagamenti jsiru u kif se jsiru ma tittehdix mill-Awtorita nfisha imma (i) abbazi ta' Regolamenti maghmula mill-Ministru responsabbli mill-Portijiet u (ii) ai termini tar-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port il-Fond ikun immexxi minn Kumitat nominat mill-Ministru li jkun responabbli lejn il-Ministeru ghat-tmexxija tajba u b'mod xieraq tal-Fond.

27. L-Awtorita esponenti hija marbuta li ssegwi l-ligi u ghalhekk ma ghandhiex ghazla ohra hlief li ssegwi l-Avviz Legali 226/2007.

28. Minghajr pregudizzju ghas-suspoest, f'kaz illi din l-Onorabbli thoss illi li l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, qua successur tal-Awtorita Marittima ta' Malta, giet korrettement inkluza mal-intimati qua firmatarja tal-ftehim, l-esponenti xorta tissottometti li ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-proceduri.

IV. Fil-mertu ma sar ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni
29. Illi safejn ir-rikorrenti jinvoka l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan huwa kjarament inapplikabbli ghall-kaz in ezami, ghaliex ic-cirkustanzi kif allegati mir-rikorrent stess, anke jekk wiehed jaccettahom bhala korretti, bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu "tehid forzuz" ta' proprjeta.

30. Lanqas l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma japplika u dan ghar-ragunijiet li gejjin:
(i) Il-"Pension and Contingency Fund" mhuwiex maghmul minn kontribuzzjonijiet tal-haddiema tal-port imma pjuttost minn imposta fuq merkanzija u flejjes ohra (li allura mhumiex parti minn "paga" jew "dhul" tal-port workers). Ghalhekk il-haddiema tal-port qatt ma jista' jinghad illi kellhom xi sehem specifIku mill-istess fond jew xi dritt li jibqghu jircievu pagamenti minnu in aeternum;
(ii) Ir-rikorrenti, bhal haddiema tax-Xatt ohra, ga gawda ampjament mill-Pension and Contingency Fund skond ir-Regolamenti kif applikabbli matul is-snin;
(iii) Il-ftehim li minnu jilmenta r-rikorrenti kien wiehed illi ntlahaq wara diskussjonijiet li saru inter alia mill-union li kienet tirraprezenta l-haddiema tax-Xatt. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li jistqarr ir-rikorrenti, dan huwa ftehim validu li jorbtu bhala haddiem tax-Xatt;
(iv) Ir-rikorrenti stess accetta I-applikazzjoni tal-ftehim meta ghazel l-opzjoni numru 2 (cioe, illi jibqa' regolat mir-regim l-antik). Din l-ghazla ghamilha liberament u kif qabel lilu minhabba s-sitwazzjoni personali li kien jinsab fiha;
(v) Isegwi illi r-rikorrenti ma jistax ikollu "aspettattiva legittima" ghal somma li huwa stess ghazel li ma jippercepix minnha.

V. Fil-mertu, ma sar ebda ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea (helsien minn diskriminazzjoni)
31. Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja jinghad illi:
(i) preliminarjament li l-Artikolu citat ma ghandux ezistenza awtonoma u ma jistax jikkostitwixxi l-bazi ghal lanjanza separata imma jrid jigi sollevat in konnessjoni ma' xi dritt jew liberta protetta mill-Konvenzjoni. Jidher li f'dan il-kaz l-imsemmi dritt huwa d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu, liema dritt allegatament ir-rikorrenti qieghed jigi mcahhad minnu. Isegwi li jekk jirnexxi l-argument tal-esponenti li mhemmx ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1, lanqas jista' jinghad li saret diskriminazzjoni taht l-Artikolu 14.
(ii) Il-bazi tad-diskriminazzjoni allegata mhijiex tax-xorta li qed jirreferi ghaliha l-Artikolu 14. Waqt li huwa minnu li l-imsemmi artikolu jidher wiesgha hafna fil-portata tieghu ("diskriminazzjoni ghal kull raguni") l-ezempji li jsegwu juru bic-car li d-diskriminazzjoni trid tkun ibbazata fuq xi karatteristika personali (sess, kulur, lingwa ecc) tal-membri tal-"gruppi" li bejniethom qed tigi allegata diskriminazzjoni. Il-frazi "diskriminazzjoni ghal kull raguni" ghandha ghalhekk tigi interpretata fid-dawl tal-

principju "ejusdem generis" u ma tistax titqies li tinkludi l-bazi ta' diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti f'dan il-kaz.

32. Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jinghad illi:
(i) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skont ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identita tal-generu li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn. Isegwi illi anke jekk wiehed jaccetta illi r-rikorrenti nghata xi "trattament differenti", dan ma jistax jikkwalifika bhala "diskriminazzjoni" fis-sens projbit mill-Artikolu 14.

33. B'rabta mal-allegata diskriminazzjoni, tajjeb jinghad ukoll illi mhux kull differenza fit-trattament tekwivali ghal "diskriminazzjoni" ai termini tal-Kostituzzjoni jew tal-Kostituzzjoni. F'dan il-kaz, id-differenza fit-trattament bejn ir-rikorrenti u haddiema tax-Xatt ohra gejja mill-fatt illi hu, liberament, ghazel li jibqa' regolat bir-regim precedent. Dan, pero, skont il-ftehim iffirmat mill-union jeskludi lir-rikorrenti milli jiehu s-somma ta' Lm15,000.

34. Ir-rikorrent inghata, bhal kull wiehed minn shabu haddiema tax-Xatt fid-data tal-ftehim, id-dritt ta' ghazla hielsa dwar liema regim xtaq li jibda japplika ghalih. Ir-rikorrent ma giex diskriminat u ma ttehidlu xejn minn tieghu. Anzi huwa r-rikorrent li jidher li qed jippretendi trattament preferenzjali fuq shabu billi jippercepixxi kemm il-beneficcji marbuta mar-regim l-antik (li huwa ghadu qed igawdi minnhom) kif ukoll dawk marbuta biss mar-regim il-gdid.

VI. Fil-mertu wkoll, ir-rikorrenti ma haqqux il-“kumpens" li jippretendi
35. Fir-rigward tar-rimedju mitlub, partikolarment it-talba ghal kumpens jinghad illi:
(i) Filwaqt illi l-Awtorita esponenti tichad illi hija ghandha thallas xi kumpens ghal allegat telf pekunjarju, fl-aghar ipotezi jekk jigi meqjus li xi kumpens huwa dovut dan ghandu jkun biss nominali stante illi dawn mhumiex proceduri civili ghal danni;
(ii) Jekk, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti pero jinsistu fuq il-hlas tas-somma ta' €34,940.60, allura jrid isir ezercizzju biex tassew jitqabbel id-dhul tar-rikorrenti u dak ta' shabu u jekk hux tassew li huwa spicca "minn taht" bis-somma msemmija jew, ghall-kuntrarju, fl-ahhar mill-ahhar id-dhul tar-rikorrenti kienx addirittura akbar minn ta' shabu!

Konkluzjoni
36. Illi fid-dawl tar-ragunijiet li ssemmew u ghal-ragunijiet ohra li ser jigu spjegati, kif ukoll minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet imressqa:

(i) L-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li mhux minnu illi sar xi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti;
(ii) It-tielet talba ghandha wkoll tigi michuda, mhux biss ghaliex ma sar ebda ksur tar-rikorrenti izda wkoll ghaliex mhux minnu illi r-rikorrenti ghandu jiehu l-hlas pretiz;
(iii) Konsegwentement, it-tielet ir-raba' u l-hames talba ghandhom ukoll jigu michuda;

(iv) Fir-rigward tal-hames talba, din jisthoqqilha illi tigi michuda wkoll stante illi l-esponenti la huwa responsabbli ghal danni pekunjarji u lanqas ghal morali;

37. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Ministru Ian Borg in rapprezentanza tal-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali gia l-Ministeru ghall-Kompetittivita u Komunikazzjoni u tal-Avukat Generali illum Avukat tal-Istat li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kuntradittur ghaliex huwa ma jiffigura mkien fil-ftehim tat-tletin (30) ta' Gunju 2007 li kien intlahaq u gie ffirmat fil-kuntest tar-riforma tal-portijiet bejn il-Malta Dockers Union (bhala l-union li tirrapprezenta l-haddiema tax-xatt, inkluz lir-rikorrent), il-Ministeru ghall-Kompetittivita u Komunikazzjoni u l-Awtorita Marittima ta' Malta. Ghalhekk, huwa ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2.1 Illi minghajr pregudizzju, u in linea preliminari wkoll, ir-rikorrent ma ezawrixxiex ir-rimedji ordinarji li kellu a disposizzjoni tieghu minn meta dan il-ftehim gie fis-sehh, jigifieri hdax-il sena ilu. Fil-fatt, jezistu rimedji civili u amministrattivi li r-rikorrent, b'ghazla tieghu, naqas milli juza, izda issa konvenjentement qed jittanta jipprocedi b'rimedji straordinarji bhalma huma r-rimedji kostituzzjonali. Dan imur kontra l-ispirtu tal-proceduri kostituzzjonali u dawn il-manuvri ma jistghux jigu accettati. Ghalhekk, l-esponenti qeghdin umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli twettaq is-setghat kostituzzjonali taghha skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.2 F'dan il-kuntest ghandu jigi nnutat li haddiema tax-xatt li xtaqu jattakkaw il-ftehim, fethu kawza civili fl-ismijiet: Mario Bondin et vs Prim Ministru et (723/2008JZM) deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar id-29 ta' Frar 2016, liema kawza ma gietx appellata. Ghal kull buon fini, l-esponenti jixtiequ jitolbu l-allegazzjoni tal-atti ta' dik il-kawza u dan ghaliex ix-xhieda moghtija f'dik il-kawza ghandha tkun ta' ghajnuna siewja f'dawn il-proceduri;

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, l-esponenti jichdu bil-qawwa l-illegazzjonijiet u t-talbiet kollha mnizzla fir-rikors kostituzzjonali bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex il-ftehim tat-30 ta' Gunju 2007 kif imdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali Numru 226 tal-2007 u li llum jinsab inkorporat fil-Legislazzjoni Sussidjarja 171.02 (Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port), bl-ebda mod mhu qed jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif imnizzla fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; u kif imnizzla fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

4. Illi tajjeb li jigi sottolineat li minkejja li l-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali ffirma bhala wiehed mill-partijiet fuq il-ftehim mertu ta' dawn il-proceduri, fil-fatt l-istess rikorrent huwa konxju tal-fatt li effettivament in-negozjati dwar dan il-ftehim fl-akbar parti taghhom kienu saru bejn il-Malta Dockers Union, u l-Awtorita Marittima Maltija, li ghandha rwol ta' regolatur ta' dan is-settur skont il-ligi;

5. Illi l-Malta Dockers Union li tirrapprezenta madwar 400 haddiem tax-xatt, ghandha l-ghan li thabrek favur id-drittijiet u l-interessi taghhom. Meta l-Malta Dockers Union qablet mal-ftehim mertu ta' din il-kawza, ma ghandux ikun hemm dubju li dan sar fl-ahjar interess tal-membri taghha specjalment meta wiehed iqis li l-Fond imsemmi fir-rikors promotur kien ser jigi xolt ghax ma kienx ser ikun iktar vijabbli. Il-ftehim gie milhuq wara numru ta' laqghat fejn intaghzlet l-ahjar soluzzjoni li tirrifletti kompromess bejn il-partijiet u dan sabiex id-drittijiet tal-haddiema tax-xatt ma jigux mittiefsa;

6. Fil-protest gudizzjarju mehmuz mar-rikors promotur u mmarkat bhala Dok. C, ir-rikorrent spjega sew l-ghazliet li l-haddiema tax-xatt inghataw permezz ta' dan il-ftehim. Fil-ftehim, il-haddiema gew moghtija l-fakulta li jaghzlu bejn li jibqghu jigu regolati taht ir-regim l-antik skont l-artikolu 6.2(e), jew inkella li jibdew jigu regolati skont ir-regim il-gdid kif formolat fl-artikolu 6.2(d)- (ara Dok. B mehmuz mar-rikors promotur);

7. Kien ir-rikorrenti l-uniku wiehed li ghazel Ii jimxi skont ir-regim l-antik. Hadd mill-esponenti ma sfurzah sabiex jaghzel regim minflok iehor. Infatti r-rikorrent thalla hieles li jaghmel l-ghazliet tieghu u jekk kellu xi dubju qabel ma ghazel ir-regim, seta' facilment jistaqsi u jaghmel ir-ricerki necessarji, sakemm izda, din l-ghazla ma saritx bi hsieb ulterjuri. Ma tezisti l-ebda legitimate expectation min-naha tar-rikorrent ghaliex huwa kien jaf ghal xiex diehel, anzi l-aspettattivi varji li ghandu r-rikorrent pjuttost jammontaw ghal aspettattivi illegittimi. Tassew mhux xieraq li wara dawn is-snin kollha l-esponenti jigu attakkati direttament bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent meta kien ir-rikorrenti stess li ghar-ragunijiet tieghu, ghazel di sua sponte li jaghmeI uzu minn regim wiehed flok iehor. Kien huwa stess li gab liIu nnifsu f'din is-sitwazzjoni u ghaIhekk, imputet sibi;

8. Illi maghdud mal-paragrafu precedenti, ir-rikorrent mhux intitolat ghas-somma ta' €34,940.60 ghaliex ir-regim li huwa ghazel b'mod volontarju ma jintitolahx ghal tali somma u ghalhekk, l-esponenti umilment izda b'mod kogenti jsostnu li ma ghandhomx ihallsu dawn il-flejjes, u dan ghall-kuntrarju ta' dak mitlub mir-rikorrenti;

9. Illi l-allegat telf li r-rikorrent qed jghid li ghamel bl-ghazla tieghu stess, irid xorta jigi ppruvat min-naha tieghu;

10. Illi r-rikorrent qed jinvoka l-protezzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, izda l-esponenti jeccepixxu l-improponibilita tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan peress li dan l-artikolu japplika biss f'kaz ta' tehid forzuz tal-proprjeta. Sabiex wiehed jista' jitkellem dwar tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tigi zvestita jew spussessata rninn kull dritt li ghandha fuq dik il-proprjeta. Huwa evidenti li fil-kaz prezenti, tali zvestiment ma sarx;

11. Illi safejn l-ilrnent tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrilevaw dan l-Artikolu wkoll ma japplikax ghaliex:
a) il-Pension and Contingency Fund mhuwiex maghmul minn kontribuzzjonijiet tal-haddiema tal-port imma pjuttost minn imposta fuq merkanzija u flejjes ohra (li allura mhumiex parti minn "paga" jew "dhul" tal-haddiema tal-port). Ghalhekk il-haddiema

tal-port qatt ma jista' jinghad illi kellhom xi sehem specifiku mill-istess fond jew xi dritt li jibqghu jircievu pagamenti minnu in aeternum;
(b) Ir-rikorrenti, bhal haddiema tax-xatt ohra, ga gawda ampjament mill-Pension and Contingency Fund skont ir-Regolamenti kif applikabbli matul is-snin;
(c) Il-ftehim li minnu jilmenta r-rikorrenti kien wiehed illi ntlahaq wara diskussjonijiet li saru inter alia mill-union li kienet tirrapprezenta l-haddiema tax-xatt. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li jistqarr ir-rikorrenti, dan huwa ftehim validu li jorbtu bhala haddiem tax-xatt;
(d) Jerga jigi ribadit li r-rikorrenti stess accetta l-applikazzjoni tal-ftehim meta ghazel l-opzjoni numru 2 (cioe, illi jibqa' regolat mir-regim l-antik). Din l-ghazla ghamilha liberament u kif qabel lilu minhabba s-sitwazzjoni personali li kien jinsab fiha;

12. Illi ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u dan ghaliex ma tezisti l-ebda forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti peress li kien huwa stess li ghazel ir-regim u dan wara li kienu saru diversi laqghat u sahansitra prezentazzjonijiet fuq powerpoint mill-Malta Dockers Union fejn kienu gew spjegati bir-reqqa t-termini tal-ftehim;

13. Minghajr pregudizzju ghall-paragrafu precedenti, sabiex tiskatta l-applikabbilita tal-provvediment fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, ir-rikorrent kellu jissodisfa wkoll element importanti. Dan l-artikolu jissottolinea li t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid jew status iehor. Fil-kaz in dizamina ma giet allegata l-ebda diskriminazzjoni ghal xi raguni ta' status kif mitlub, sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

14. Barra minn hekk, dan l-artikolu ma jistax jigi invokat in vacuo izda jrid jigi abbinat ma' xi dritt fundamentali protett mill-Konvenzjoni;

15. Illi sabiex ir-rikorrenti jista' jallega li gie lez id-dritt fundamentali taghha ai termini tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, huwa jrid jipprova wkoll li saret diskriminazzjoni fuq bazi ta' 'like with like' u dan ghaliex mhux kull agir huwa wiehed diskriminatorju;

16. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija sentenza wara kawza mibdija mil-attur permezz ta’ liema qieghed jilmenta li sofra ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti permezz tal-artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll

tal-istess Konvenzjoni. L-attur huwa haddiem tax-Xatt licenzjat u rikonoxxut taht il-Port Workers Ordinance, u dan sa mill-1 ta' Gunju 1999. Permezz ta' din il-kawza huwa qieghed jikkontendi illi l-ftehim li gie milhuq bejn il-konvenuti fit-30 ta' Gunju 2007, li gie mdahhal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali numru 226 tal-2007 qieghed ingustament icahhdu minn hlas li huwa ghandu aspettattiva legittima li jircievi peress illi dan il-hlas kellu jsir mill-Pensions and Contingency Fund li huwa ilu jaghmel kontribuzzjonijiet ghaliha ghal diversi snin, u li huwa gie mpoggi fi zvantagg fil-konfront tal-Haddiema tax-Xatt l-ohra kollha peress illi qieghed jigi eskluz minn possedimenti li huwa ikkontribwixxa personalment ghalihom tul il-hajja lavorattiva tieghu u dan minghajr ebda raguni oggettiva u ragonevoli li tiggustifika tali differenza fit-trattament.

Jirrizulta mill-provi illi fis-sena 2007 kien intlahaq ftehim bejn il-Malta Dockers Union, li kienet tirraprezenta lil haddiema tax-xatt inkluz lill-attur, u l-Istat, liema ftehim gie ffirmat fit-30 ta' Gunju 2007, u inghata s-sahha ta' ligi billi gie inkorporat fl-Avviz Legali numru 226 tal-2007.

Jirrizulta illi sa dak iz-zmien il-haddiema tax-xatt kien jippercepixxu hlas mensili ta' *performance bonus* ta' 2% ikkalkolat fuq ix-xoghol maghmul, u l-flus tal-gholi tal-hajja akkumulati mil-1973. Dan il-pagament kien isir mil-Pensions and Contingency Fund li kienet giet stabbilita permezz tal-Ligi Sussidjarja 171.02. Il-fondi ta' din il-Pensions and Contingency Fund kienu jigu minn hlasijiet migbura mill-Awtorita Marittima (illum Transport Malta) minn tariffi mposti fuq il-merkanzija li kienet tidhol fix-xatt, parti minn dawk dovuti lill-haddiema u parti minn dawk dovuti lill-agenti. Apparti dan il-hlas, il-fondi ta' din il-Pensions and Contingency Fund kienu wkoll jintuzaw sabiex jaghmlu tajjeb ghal safety *equipment* li kien ikollhom bzonn il-haddiema, il-hlas ta' beneficcji fil-kaz li jkorri xi hadd fuq ix-xoghol u l-hlas ta' *insurances* u hlas ta' somma mal-irtirar ghal kull sena ta' servizz. Jirrizulta illi fl-2007 kienu qed isiru negozjati bejn il-Malta Dockers Union u l-Gvern, peress illi l-Gvern ried illi jigu mnaqqsa t-tariffi mposti filwaqt illi naturalment il-Malta Dockers Union riedet thares kemm jista' jkun l-interessi tal-haddiema, u dawn in-negozjati ikkulminaw fil-ftehim imsemmi. Dan il-ftehim introduca zewg ghazliet ghall-haddiema licenzjati ezistenti, li gew stabbiliti fil-klawsola numru 6.2 tal-ftehim. Din il-klawsola taqra hekk:

"*With effect from 1st July 2007 the benefits paid from the P & CF Will be amended as follows:*

*a. All licensed port workers will Benefit from COLA accruing from 2007 up to their retirements, death or medical boarding out;*

*b. Prospective port workers Will Benefit from COLA accruing from the year that their licence is activated up to their retirement, death or medical boarding out – for the purposes of this agreement the phrase "their license is activated" or variances thereof shall mean the day that a prospective port worker as defined in this agreement takes over from a licensed port worker as defined in this agreement on the retirement, death or medical boarding out of the latter;*

*c. New licensed port workers will benefit from COLA accruing from the year the licence is issued up to his/her retirement, death or medical boarding out;*

*d. In lieu of the COLA- including the additional payment of 2% of the valur of port work performed – that licenced port workers have accumulated to date, each licensed port worker whose name appears on the attached list Document A shall, if he so opts, receive:*
*i. within 120 days of the signing of this agreement, an exgratia payment equivalent to the amount appearing in the attached Document A, provided that the total sum payable to all licensed port workers does not exceed Lm7,400,000*
*ii. on retirement or on medical boarding out in terms of clause 42(1) of the Regulations, a lump sum of Lm15,000*

*e Licensed port workers not opting for the payments in lieu of COLA agreed to in sub-paragrad (d) above Will continue, as at present, to receive:*
*i. COLA with their wages;*
*ii. an anual sum of Lm360 in respect of the 2%*

*f. The benefit for death in service will be the equivalent of three years average income. The difference between the amount due in respect of this benefit and all insurance proceeds will be paid from the P&CF;*

*g. Prospective port workers who have their license activated shall, on retirement or on medical boarding out in terms of clause 42(1) of the Regulations, receive a lump sum of Lm15,000*

*h. Now licensed port workers shall, on retirement or on medical boarding out in terms of clause 42(1) of the Regulations, receive a lump sum of Lm15,000*

*Except for the above amendments, the P&CF will continue to meet all its other present obligations.*

Jirrizulta illi l-attur ghazel il-pakkett ta' beneficcji indikat fil-klawsola numru 6.2(e). L-ilment tal-attur jitratta precizament il-beneficcju indikat fil-klawsola numru 6.2(d)(ii), u cioe s-somma ta' €34,940.60.

**L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

Skont l-attur huwa kellu aspettattiva legittima illi jircievi din is-somma ghaliex thallset mill-Pensions and Contingency Fund li kienet giet stabbilita ghal beneficcju tal-haddiema kollha, u mhux biss ta' uhud minnhom, u ghaliex huwa, bhal kull haddiem iehor, kien ghamel kontribuzzjonijiet finanzjarji f'din il-Fund tul il-hajja lavorativa tieghu.

Il-konvenuti eccepew illi dan l-ilment huwa infondat, fir-rigward tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ghaliex m'hemmx tehid forzuz u fir-rigward tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex l-attur m'ghandux l-aspettattiva legittima vantata minnu. Il-Qorti tqis illi l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi mistharrga hija proprju jekk l-attur ghandux aspettattiva legittima tutelabbli, ghaliex f'dan in-nuqqas lanqas l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jista' jkun applikabbli.

Aspettattiva legittima tista' tikkostitwixxi possediment ai termini tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni "…*if there is a sufficient basis for the interest in national law, for example where there is settled case-law of the domestic courts confirming its existence*."[1] Fis-sentenza **Belane Nagy v. Hungary** (QEDB 13/12/2016) gie spjegat illi "*A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal provision or a legal act such as a judicial decision*" u illi meta l-attur jinvoka l-ezistenza ta' aspettattiva legittima ghandu l-oneru li jipprova li huwa ghandu "*an assertable right which…may not fall short of a sufficiently established, substantive proprietary interest under the national law*."

Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi ta' din il-kawza hija partikolarment applikabbli l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar pensjonijiet u beneficcji socjali. Dan ghaliex, b'mod partikolari, fil-maggior parti tal-kazijiet il-hlas ta' servizzi socjali u pensjonijiet

[1] Ara per ezempju: **Kopecky v. Slovakia** (QEDB 28/09/2004); **Sukhanov and Ilchenko v. Ukraine** (QEDB 26/06/2014)

isir minn fond illi l-attur ukoll ikun ikkontribwixxa ghalih waqt il-hajja lavorattiva tieghu, u ghalhekk din il-gurisprudenza tistabilixxi principji ta' relevanza sostanzjali ghal din il-kawza. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Grobelny v. Poland** (QEDB 05/03/2020) fejn gie spjegat illi:

> "*The Court reiterates that the principles that apply generally in cases brought under Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention are correspondingly relevant when it comes to social and welfare benefits. In particular, Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention does not create a right to acquire property. This provision places no restriction on the Contracting State's freedom to decide whether or not to have in place any form of social security scheme, or to choose the type or amount of benefits to provide under any such scheme. If, however, a Contracting State has in force legislation providing for the payment as of right of a welfare benefit - whether conditional or not on the prior payment of contributions - that legislation must be regarded as generating possessions falling within the ambit of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention for persons satisfying its requirements (see Stec and Others v. the United Kingdom (dec.) [GC], nos. 65731/01 and 65900/01, § 54, ECHR 2005-X).*
> *[…]*
> *On the other hand where a legal entitlement to the economic benefit at issue is subject to a condition, a conditional claim which lapses as a result of the non-fulfilment of the condition cannot be considered to amount to "possessions" for the purposes of Article 1 of Protocol No. 1 (see Prince Hans-Adam II of Liechtenstein v. Germany [GC], no. 42527/98, §§ 82-83, ECHR 2001-VIII, and Rasmussen v. Poland, no. 38886/05, §71, 28 April 2009)."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Sukhanov and Ilchenko v. Ukraine** (QEDB 26/06/2014), fejn il-Qorti Ewropea kienet tal-fehma illi l-atturi ma kellhomx l-aspettattiva legittima illi jircievu supplement addizzjonali tal-pensjoni li kien gie introdott permezz ta' emenda fil-legislazzjoni, u filwaqt illi nnotat illi d-dritt ghal pensjoni tal-applikanti baqa' mhux mittiefes ziedet illi "*the democratically elected Parliament remains free in exercising its legislative function in compliance with the Constitution and redefining the amounts of benefits to be paid for a certain period of time*."[2]

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa evidenti li l-attur ma kellux aspettattiva legittima illi tabilfors jircievi l-pagament ta' €34,940.60. pagabbli ai termini tal-klawsola 6.2(d)(ii). L-ewwel nett, il-hlas ta' din is-somma inholoq permezz tal-ftehim tat-30 ta' Gunju

[2] L-istess konsiderazzjonijiet u rimarki saru fis-sentenzi **Kolesnyk and Others v. Ukraine** u **Fakas v. Ukraine** (QEDB 03/06/2014) li kienu jitrattaw ziedet fic-*children's allowance.*

2007, u dan il-ftehim, inkluz din il-klawsola, kien gie nnegozjat mill-Union in rapprezentanza tal-haddiema, inkluz l-attur. Ghalhekk, l-introduzzjoni taz-zewg opzjonijiet in kwistjoni ma kinitx att legislattiv unilaterali li gie mpost fuq il-haddiema minghajr il-kunsens taghhom, izda kien proprju r-rizultat ta' negozjati bejn l-Istat u l-haddiema u kien jirrifletti l-kompromess illi l-haddiema kif rapprezentati accettaw.

Inoltre, dan il-ftehim ghamilha cara li dawk il-haddiema li kienu ser jaghzlu l-opzjoni stabbilita fil-klawsola 6.2(e) ma kienux ser ikunu intitolati ghas-somma ta' €34,940.60. Mill-atti, u senjatament mix-xhieda in kontro-ezami tal-attur, jirrizulta illi huwa kien jaf x'kien il-kontenut ta' dan il-ftehim, peress illi kienet saret laqgha mill-kumitat tax-xoghol taghhom sabiex il-haddiema jinghataw spjegazzjoni tieghu, ghalkemm skont l-attur il-pagament ta' Lm15,000 mal-irtirar kien xi haga li harget wara li saret din il-laqgha. Huwa kkonferma pero, wkoll waqt il-kontroezami tieghu, li kien jaf ezattament x'kien fih il-ftehim peress illi kien f'idejh qabel iffirmah u ddecieda fuqu. Il-Qorti tosserva wkoll illi ghalkemm huwa minnu li l-attur ma kienx intitolat jircievi din is-somma dan ma jfissirx illi gie mittiefes id-dritt tieghu li jgawdi beneficcji mill-Fund in kwistjoni fl-ghamla ta' suppliment ghal paga fissa, ikkonsidrat illi z-zewg opzjonijiet kienu zewg modi differenti kif il-haddiema setghu jippercepixxu dan is-suppliment: jew permezz ta' pagamenti mensili kif kien diga qed isir, u kif ghazel l-attur, jew permezz ta' pagament *ex gratia* wara l-iffirmar tal-kuntratt u pagament iehor mal-irtirar. Huwa minnu illi l-opzjoni stabbilita ai termini tal-klawsola 6.2(d) tidher illi hija ahjar minn dik ai termini tal-klawsola 6.2(e), pero jibqa' l-fatt illi l-attur kien liberu li jaghzel kwalunkwe opzjoni hass li kienet l-ahjar ghalih personalment.

Il-Qorti tqis illi l-aspettattiva legittima illi kellu l-attur kienet illi jgawdi l-beneficcji li ghalihom kien mahsub il-Pensions and Contingency Fund, galadarba din il-Fund giet mahluqa mil-ligi proprju sabiex tintuza ghall-beneficcju tal-haddiema tax-xatt, u dan taht l-istess kondizzjonijiet tal-haddiema l-ohra. Dan ma jfissirx pero illi kull haddiem kellu dritt illi jippercepixxi ezatt l-istess ammont ta' beneficcju minn din il-Fund, ghaliex l-ammont specifiku ta' beneficcju percepit necessarjament jiddependi fuq ic-cirkostanzi ta' dak il-haddiem. Hekk per ezempju, l-attur kellu dritt u aspettattiva legittima illi jekk ikorri hu fuq ix-xoghol jippercepixxi dawk il-beneficcji li l-ligi tipprovdi li ghandhom jithallsu mill-Fund f'dik ic-cirkostanza. Dan ma jfissirx pero illi l-attur

kellu wkoll dritt illi jippercepixxi il-beneficcji relatati ma' korriment fuq ix-xoghol meta jkorri xi hadd iehor. Bl-istess mod, is-somma mhallsa mal-irtirar ghas-snin ta' servizz li ta l-haddiem hiija beneficcju li kull haddiem kellu dritt ghaliha, izda s-somma specifika dovuta mhux necessarjament tkun l-istess ghal kull haddiem, ghaliex tiddependi mill-ammont ta' snin li huwa jkun hadem. Hekk ukoll, kwalunkwe beneficcju relatat ma' *medical boarding out* kellu dritt ghalih teoretikament kull haddiem, izda seta' jigi percepit biss minn dawk il-haddiema illi effettivament gew *medically boarded out.* Ghalhekk, il-fatt illi fl-ahhar mil-ahhar mhux kull haddiem effettivament jircievi l-istess ammont ta' hlas ta' beneficcji minn din il-Fund ma jfissirx necessarjament illi huwa sofra xi ksur ta' xi aspettattiva legittima tieghu.

Dan il-hsieb japplika anke fir-rigward tal-hlas ta' €34,940.60. Il-ftehim li fuqu hija bbazata l-ligi kien jaghmilha cara illi din is-somma kellha tigi percepita minn dawk il-persuni li kienu ser jaghzlu li jaqilbu ghal skema gdida ta' hlas ghal dak li kien jirrigiwarda l-COLA u l-hlas ta' 2%. L-attur, bhala haddiem tax-xatt licenzjat, kien intitolat li jaghzel bejn din is-sistema, u s-sistema l-antika kif provdut fil-klawsola 6.2(e), hekk kif kienu intitolati li jaghmlu l-haddiema licenzjati tax-xatt l-ohra. L-attur innifisu ikkonferma illi huwa kien jaf b'dawn iz-zewg ghazliet u li kien fehemhom qabel ma ghamel l-ghazla tieghu, u wkoll illi huwa kien liberu li jaghmel dik l-ghazla li hass li kienet l-ahjar ghalih.

Ma jirrizultax imbaghad li kien hemm xi raguni li ghaliha huma responsabbli l-intimati illi kienet ingustament u irragonevolment wasslet lill-attur sabiex ikollu jaghzel is-sistema ta' beneficcji stabbilita fil-klawsola 6.2(e). L-attur xehed illi huwa kien ghazel din l-opzjoni ghaliex kieku ghazel dik stabbilita fil-klawsola 6.2(d) kienet ser tonqoslu sostanzjalment il-paga mensili. Illi pero huwa ferm evidenti illi dan it-tnaqqis fil-paga mensili kien ser jaghmlu tajjeb ghalih il-pagament *ex gratia* li kellu jithallas proprju sabiex jaghmel tajjeb ghal dak it-tnaqqis fil-paga mensili, u dan apparti l-hlas tas-somma ta' €34,940.60 pagabbli mal-irtirar, mahsuba sabiex taghmel tajjeb ghal fatt illi l-pagament *ex gratia* percepit mill-haddiema li kienu qrib l-eta tal-irtirar kien ser ikun limitat. Ma jirrizultax illi l-attur ma inghatax cans sufficjenti sabiex jiehu parir dwar liema opzjoni kienet tkun l-aktar wahda finanzjarjament vantaggjuza ghalih, u

ghalhekk jekk naqas milli jaghmel dan *imputet sibi,* u zgur m'ghandhomx jitqiesu responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu il-konvenuti.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ma kellux aspettativa legittima li jippercepixxi l-hlas ta' €34,940.60. Ghaldaqstant din il-parti tal-ilment tal-attur hija infondata u qed tigi michuda.

**L-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni**

L-attur ilmenta wkoll illi qed ssir diskriminazzjoni ngusta u illegali fil-konfront tieghu ai termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni stante illi huwa gie mpoggi fi zvantagg fil-konfront tal-haddiema tax-Xatt l-ohra billi qieghed jigi eskluz minn possedimenti li huwa kkontribwixxa ghalihom personalment u ghalhekk ghandu aspettattiva legittima li jircievi, minghajr raguni oggettiva u ragonevoli sabiex tiggustifika tali differenza fit-trattament.

B'referenza ghall-ilment tal-attur a bazi tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Aquilina** (PA 23/07/2008) fejn gie spjegat illi:

> "[b]iex jigi mistharreg l-ilment taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti jidhrilha xieraq li jinghad illi llum il-gurnata huwa stabbilit sewwa illi biex jitqies illi jkun inghata trattament diskriminatorju kontra persuna, jehtieg jirrizulta li (a) jkun inghata lil persuna trattament differenti minn dak moghti lil persuna jew ghadd ta' persuni ohrajn (b) li jkunu fl-istess qaghda jew wahda li tixbahha, (c) liema trattament differenti ma jkunx oggettivament jew ragjonevolment misthoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita` bejn l-ghan mixtieq u l-mezz uzat."

Fir-rigward imbaghad tal-ilment a bazi tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni il-Qorti tirrileva illi l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa ancillari u kumplimentari ghad-disposizzjoni sostantiva tal-istess Konvenzjoni. Fi kliem iehor, individwu ma jistax iressaq ilment dwar ksur tal-artikolu 14 wahdu, izda jehtieg illi fl-ilment tieghu jabbina d-diskriminazzjoni ilmentata ma' dritt fondamentali garantit mill-Konvenzjoni. Filfatt, dan l-artikolu innifsu jipprovdi illi l-projbizzjoni ta' agir jew trattament diskriminatorju kontemplata f'dan l-artikolu tirrigwarda l-garanzija tat-"tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni." Kif gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Molla Sali v. Greece** (QEDB 19/12/2018),

> "The Court has consistently held that Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols thereto. Article 14 has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded thereby. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them. The prohibition of discrimination enshrined in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and the Protocols thereto require each State to guarantee."

Ghalhekk, ikkonsidrat illi l-attur ma abbinax dan l-ilment ma xi dritt iehor jew liberta ohra kontemplata fil-Konvenzjoni, dan huwa diga bizzejjed sabiex dan l-ilment jigi michud.

Fi kwalunkwe kaz, l-ilment tal-attur illi sofra agir diskriminatorju huwa *ictu oculi* infondat fil-mertu. L-ewwel nett, din il-Qorti diga sabet illi l-attur ma kellu l-ebda aspettattiva legittima illi jircievi s-somma ta' €34,940.60. Inoltre, l-attur ma ressaq l-ebda prova illi huwa inghata xi trattament distint ghal raguni projbita mill-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni. Dak li jirrizulta huwa illi l-attur inghata l-istess ghazla li inghataw il-haddiema l-ohra u taht l-istess kondizzjonijiet. Jirrizulta illi bhal haddiema l-ohra huwa kien liberu li jaghzel liema wahda ried miz-zewg opzjonijiet moghtija lilhom, u ghazel dik li hass li kienet aktar taqbel lilu. Bhal haddiema l-ohra, li kieku l-attur ghazel l-opzjoni stabbilita taht il-klawsola 6.2(d) huwa kien jibbenefika mill-hlas issa pretiz minnu. Ghaldaqstant huwa car illi l-intimati ma tawx xi trattament distint lill-attur u li r-raguni ghalfejn l-attur ma bbenefikax mill-hlas tas-somma ta' €34,940.60 kien unikament fuq ghazla tieghu. Ghaldaqstant anke dan l-ilment huwa infondat u qieghed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti safejn kompatibbli ma' din is-sentenza u tichad it-talbiet kollha tal-attur.

Spejjez jithallsu kollha mill-attur.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur